REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/828

tal-14 ta' Marzu 2019

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/127 rigward ir-rekwiżiti għall-vitamina D fil-formula tat-trabi u għall-aċidu eruċiku fil-formula tat-trabi u fil-formula ta' prosegwiment

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 ([2]) jistabbilixxi, fost l-oħrajn, ir-regoli dwar il-kompożizzjoni u t-tikkettar tal-formula tat-trabi u tal-formula ta' prosegwiment.

(2) Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/127 jistipula speċifikament li l-formula tat-trabi jrid ikun fiha ammonti ta' vitamina D fil-firxa ta' 2 sa 3 µg/100 kcal.

(3) Tqajjem tħassib li jekk ikun hemm konsum għoli tal-formola li jkun fiha 3 µg/100 kcal ta' vitamina D, flimkien ma' konsum addizzjonali ta' vitamina D mis-supplimenti, xi trabi jistgħu jispiċċaw jieħdu wisq vitamina D, f'ammonti li jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa. Sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' protezzjoni tat-trabi, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") tivvaluta s-sikurezza tal-konsum mit-trabi ta' formuli li jkun fihom 3 µg/100 kcal ta' vitamina D.

(4) Fl-Opinjoni Xjentifika tagħha tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar l-aġġornament tal-livell massimu tollerabbli tal-konsum tal-vitamina D għat-trabi ([3]), l-Awtorità kkonkludiet li l-użu ta' formula tat-trabi li jkun fiha 3 µg/100 kcal ta' vitamina D jista' jwassal biex xi trabi li jkollhom inqas minn erba' xhur jieħdu ammonti ta' vitamina D li jkunu ogħla mil-livell massimu tollerabbli tal-konsum anki mill-formula biss.

(5) Din l-opinjoni tikkonkludi wkoll li l-użu ta' kontenut massimu ta' vitamina D ta' 2,5 µg/100 kcal fil-formula tat-trabi ma jwassalx għal konsum ta' vitamina D li jkun ogħla mil-livell massimu tollerabbli tal-konsum mill-formula waħedha. Abbażi ta' dik l-opinjoni, il-kontenut massimu ta' vitamina D li hu permess skont ir-Regolament Delegat (UE) 2016/127 għall-formula tat-trabi jenħtieġ li jitnaqqas għal 2,5 µg/100 kcal, b'konformità mal-Artikolu 6 u mal-Artikolu 9(1) sa (4) tar-Regolament (UE) Nru 609/2013.

(6) Il-livelli massimi tal-aċidu eruċiku fil-formuli tat-trabi u fil-formuli tal-prosegwiment ġew stabbiliti bir-Regolament Delegat (UE) 2016/127.

(7) L-Awtorità adottat opinjoni xjentifika dwar il-preżenza tal-aċidu eruċiku fl-għalf u fl-ikel ([4]). Dik l-opinjoni tikkonkludi li l-95 perċentil tal-livell ta' esponiment dijetetiku kien l-ogħla fit-trabi u fi tfal oħrajn u dan jista' jindika riskju għal individwi żgħar b'livell għoli ta' esponiment għall-aċidu eruċiku.

(8) Filwaqt li jitqiesu l-konklużjonijiet tal-opinjoni, jixraq li jitnaqqsu l-livelli massimi tal-aċidu eruċiku fil-formula tat-trabi u fil-formula tal-prosegwiment.

(9) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2016/127 jiġu emendati skont dan,

---

([1]) ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 tal-25 ta' Settembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni tal-formula tat-trabi u tal-formula ta' prosegwiment u fir-rigward ta' rekwiżiti dwar l-informazzjoni dwar it-tmigħ tat-trabi u tat-tfal żgħar (ĠU L 25, 2.2.2016, p. 1).

([3]) *EFSA Journal* 2018; 16(8):5365, 118-il paġna.

([4]) *EFSA Journal* 2016;14(11):4593, 173 paġna.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2016/127 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2016/127 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punt 11, l-entrata għall-vitamina D tinbidel b'dan li ġej:

	Għal kull 100 kJ		Għal kull 100kcal	
	Minimu	Massimu	Minimu	Massimu
"Vitamina D (μg)	0,48	0,6	2	2,5"

(b) il-punt 5.3 jinbidel b'dan li ġej:

"5.3. L-ammont ta' aċidu eruċiku ma għandux ikun aktar minn 0,4 % tal-ammont totali tal-kontenut ta' xaħam."

(2) Fl-Anness II, il-punt 4.3 jinbidel b'dan li ġej:

"4.3. L-ammont ta' aċidu eruċiku ma għandux ikun aktar minn 0,4 % tal-ammont totali tal-kontenut ta' xaħam."